Parlament Ewropew
2024-2029

TESTI ADOTTATI

P10_TA(2026)0035

Regolament li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa għall-istabbiliment tas-Self ta' Appoġġ għall-Ukrajna għall-2026 u l-2027

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta’ Frar 2026 dwar il-proposta għall-regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa għall-istabbiliment tas-Self ta' Appoġġ għall-Ukrajna għall-2026 u l-2027 (COM(2026)0020 – C10-0005/2026 – 2026/0008(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari – kooperazzjoni msaħħa)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2026)0020),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 212 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C10-0005/2026),

– wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu tal-21 ta’ Jannar 2026[1], li permezz tagħha ta l-approvazzjoni tiegħu għall-abbozz ta’ deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment ta’ Self għall-Ukrajna,

– wara li kkunsidra d-Deċiżjoni (UE) 2026/258 tal-Kunsill tad-29 ta’ Jannar 2026 li tawtorizza kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment ta’ Self għall-Ukrajna[2],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

---

1 Testi adottati, P10_TA(2026)0010.
2 ĠU L, 2026/258, 2.2.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2026/258/oj.

– wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tal-4 ta' Frar 2026, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

 wara li kkunsidra l-Artikoli 60, 93(3) u 170 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

P10_TC1-COD(2026)0008

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-11 ta' Frar 2026 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2026/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa għall-istabbiliment tas-Self ta' Appoġġ għall-Ukrajna għall-2026 u l-2027

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament taqbel mal-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) 2026/467.)